# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum l-Erbgħa 22 ta' Novembru, 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru: 1145/2019 MH**

**Numru: 4**

**Jeffrey Cilia**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**u**

**Segretarju Permanenti Prinċipali**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat** fejn ġie premess illi-:

1. *"Illi l-esponenti kien jokkupa l-kariga ta' Spettur tal-Pulizija u kellu proceduri penali kontra tieghu. Illi huwa kien sospiz fuq process minnhom izda mhux fuq iehor. Illi susegwentement l-esponenti kien gie misjub hati u per konsegwenza kien ghadda process minkejja li l-process li ghadda minnu quddiem il-PSC ma' kienx dak li ghalih huwa kien sospiz mix-xoghol tieghu;*

2. *Illi l-esponenti dejjem sahaq li tali proceduri ma' kellhomx iwassalu ghat-tkeccija u stante li r-rizenja kienet wahda fakoltativa huwa ma' kellux per konsegwenza jigi mtellef il-penzjoni tas-servizz li huwa intitolat ghaliha u anqas ma' kellu jitlef il-flus f differenza fil-paga ghaz-zmien li huwa ghamel sospiz;*

3. *Illi minkejja dana kollu l-intimat Kummissarju tal-Pulizija b'avviz datat 3 ta' Gunju 2019 gharraf lill-esponenti li dana ma' kienx ser jiehu l-arretrati tal-flus li kien tilef u stiednu jirrizenja mill-kariga tieghu [dok a];*

4. *Illi l-agir tal-intimati huwa agir amministrattiv li jmur kontra dak li l-Ligi b'mod iehor tistipula u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dana l-umli rikors. Illi ghalhekk l-esponenti ghandu jinghata rimedju ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

   *Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi u tiddikjara li d-decizjoni tal-intimati tat-3 ta' Gunju 2019 hija nulla, invalida u bla effett stante li:*

*A. Hija ultra vires ghar-ragunijiet fuq spjegati u dana fir-rigward ta' l-artikolu 469A [1][B][iv] tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-eghmil imur mod iehor kontra l-Ligi;*

*BI-ispejjez u b'riserva ghal-likwidazzjoni ta' danni skond il-Ligi li gew ikkawzati lir-rikorrenti b'tali agir;"*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Puiżija u tas-Sgretarju Permanenti Prinċipali**[1] fejn ġie eċċepeit illi:-

"Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

Eċċezzjonijiet preliminari

1. Illi in linea preliminari l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tar-rikors guramentat stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ad validitatem a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponenti;

2. Illi l-esponent Segretarju Permanenti Principali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet vantati mill-attur u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Folio 12

3. Illi l-esponenti jecepixxu illi r-rikors guramentat huwa pjuttost neboluz u ma jikkontjenix dikjarazzjoni tal-fatti cara kif graw u ghalhekk l-esponenti qieghdin jirrizervaw minn issa illi jressqu eccezzjonijiet ulterjuri una volta l-attur jikkjarafika l-pretensjonijiet tieghu ai termini tal-Ligi;

Eċċezzjonijiet fil-mertu

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fil-Ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi l-esponenti jeċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attur qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

3. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-fatti kif proposti mill-attur huma neboluzi u f'diversi cirkostanzi skoretti. Ghaldaqstant l-esponenti ser jghaddu sabiex jressqu sintenzi tal-fatti kif maghrufa lilhom:

Illi fis-26 ta' Dicembru 2011 l-esponent Kummissarju tal-Pulizija informa lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku illi hareg charges kontra l-attur u rrakomanda li l-attur jigi sospiz sakemm il-kas jigi deciz. Il-PSC ghamlet rakomandazzjoni fit-12 ta' Jannar 2012 illi l-attur jigi interdett fil-funzjoni tal-kariga tieghu. Fl-10 ta' April 2012 l-Kummissarju tal-Pulizija gharraf lill-PSC li charges godda ingabu kontra l-attur u li l-attur diga kien sospiz dwar l-ewwel kas. Fid-19 ta' April 2012 il-Prim Ministru approva r-rakomandazzjoni tat-12 ta' Jannar 2012 ghas sospenzjoni tal-attur. Fit-30 ta' Settembru 2015 l-attur instab hati fil-proceduri fl-ismijiet hati ta' reat serju fil-proceduri Kriminali (Appell Nru. 443/2015) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Carlos Cordina) (Spettur Darren Buhagiar) vs Jeffrey Cilia" fit-30 ta' Novembru, 2017.

Fl-4 ta' Jannar 2018, il-PSC irrakomandat illi minhabba n-natura ta' charges dwar liem l-attur kien misjub hati (fit-30 ta' Novembru 2017) huwa jitlef is-salarju mizmum ghal-perjodu li huwa gie sospiz u li jigi mkecci mis-servizz pubbliku. F'Marzu tal-2018 l-attur gie mistieden mill-PSC sabiex jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub kontra r-rakomandazzjoni ghat-tkeccija tieghu. L-avukat tal-attur sostna jkun floku illi jsiru sottomissjonijiet orali u ghaldaqstant giet iffisata seduta fl-24 ta' Mejju 2018. Minkejja dan l-attur talab ghal

differiment ta' dik is-seduta ghad-21 ta' Gunju 2018. qabel id-data l-attur talab differiment iehor ghal-Lulju. Fl-ahhar seduta f'Lulju l-attur u l-avukat tieghu kienu assenti u ghalhekk il-Kummissjoni ma rat l-ebda raguni ghalfejn m'ghandiex tkompli bir-rakomandazzjoni taghha lill-Prim Ministru. Il-Prim Ministru fis-16 ta' Lulju 2018 approva r-rakomandazzjoni sabiex jigi mkecci mis-servizz pubbliku l-attur u ma jinghatax s-salarju mizmum ghal perjodu li kien sospiz. Fl-24 ta' Lulju 2018 l-attur gie infurmat bil-miktub b'din ir-rakomandazzjoni. Fit-28 ta' Jannar 2019 l-avukat tal-fiducja tal-attur talab illi ai termini tal-artikolu 32 (1) (b) tal-Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jitqies bhala rizenjat minflok imkecci u li jinghata lura s-salarju mizmum ghal perjodu waqt li kien sospiz. Fil-25 ta' Marzu 2019 il-PSC irrevediet ir-rakomandazzjoni taghha u bidlita fis-sens illi rrakomandat li l-attur jitqies bhala rizenjat mis-16 ta' Lulju 2018 minflok imkecci u dan ai termini tal-artikolu 32 (1) (b) tal-Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta imma li s-salarju jibqa jitqies xorta bhala mitluf. Il-Prim Ministru fil-approva tali rakomandazzjoni. L-attur ma effetivament ressaq ir-rizenja tieghu imma gie deemed as resigned b'effett minn 16 ta' Lulju 2018;

4. Illi fir-rigward tat-talba maghmula fl-ittra datata 3 ta' Gunju 2019 fil-konfront tal-attur sabiex jressaq ir-rizenja tieghu b'effett mis-16 ta' Lulju 2018 minhabba illi instab hati ta' reat serju fil-proceduri Kriminali (Appell Nru. 443/2015) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Carlos Cordina) (Spettur Darren Buhagiar) vs Jeffrey Cilia" fit-30 ta' Novembru, 2017, l-esponent jirrilevaw illi dan l-ordni ttiehed ai termini tal-artikolu 32 (1) (B) tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ma jistax jitqies bhala ghemil amministrattiv li jmur kontra l-Ligi ;

5. Illi l-esponenti jecepixxu illi nofs s-salarju tieghu illi gie mizmum waqt illi kien sospiz mill-kariga tieghu ma inghatax lura minhabba illi l-attur instab hati ta' reat serju fil-proceduri Kriminali (Appell Nru. 443/2015) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Carlos Cordina) (Spettur Darren Buhagiar) vs Jeffrey Cilia" fit-30 ta' Novembru, 2017 u gie meqjus li rrizenja b'effett mis-16 ta' Lulju 2018. Illi ghaldaqstant l-agir tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija jiffigura fl-artikolu 12 (7) tal-PSC Disciplinary Procedure Regulations, 1999 (Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku) applikabbli bhala ligi vigenti ta' dak iz-zmien;

6. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-attur m'huwiex intitolat ghal pensjoni tas-servizz stante illi huwa gie sospiz mill-kariga tieghu u gie mitlub jirrizenja (ai termini tal-artikolu 32 (1) (B) tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta) minflok jigi mkecci wara talba tal-avukat tieghu stess sabiex tigi riveduta tali posizzjoni.

Illi gialadarba ai termini tar-regolament 3 tar-raba' skeda tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta, is-servizz tieghu gie kkunsidrat bhala maqtugh l-attur m'ghamilx il-hamsa u ghoxrin (25) sena fis-servizz tal-Korp tal-Pulizija u ghaldaqstant ma jikkwalifikax ghal tali pensjoni. Ghalhekk l-ghemil amministrattiv jinkwadra bhala wiehed legalment korrett;

7. Illi ghalhekk l-ghemil amministrattiv li qieghed jigi mitlub li jistharreg ma jmur bl-ebda mod kontra l-Ligi ai termini tal-artikolu 469A (1) (b) (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta

8. Illi fi kwalunkwe każ u strettament bla preġudizzju għas-suespost l -esponenti jeċepixxu illi ċertament li l-esponent ma agixxewx in mala fede jew b'mod mhux raġjonevoli u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 469A (5) l-esponenti ma jwiegbu għall-ebda danni;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent."

Rat l-atti kollha tal-kawża

Rat l-in-nota ta; sottomissjonijiet tal-konvenuti intimati.

Ikkunsidrat

**1.Fatti li xprunaw din il-kawza.**

Kemm ir-rikorrenti attur ukoll l-Ispettur Jurgen Vella jagħtu l-iter tista' tgħid identiku ta' dak li wassal għal din il-kawża.

**i.**Il-fatti kif esponniehom **l-Ispettur Jurgen Vella** jirriżultaw mill-affidavit tiegħu esebit bħala Dok JV.[2]

Jispjega lir-rikorrenti daħal fil-korp tal-Pulizija fl-1 ta' Frar, 1992 u spiċċa promoss għal grad ta' Spettur nhar it-8 ta' Lulju, 1999.

Jispjega li fit-23 ta' Diċembru, 2011 l-Ispettur Ċilia flimkien ma persuni oħra ġie mressaq b'arrest il-Qorti. Hawn kien akkużat talli kkaguna ferita ta' natura gravi u li wettaq dan ir-reat meta bħala uffiċjal pubbliku kellu l-obbligu u dmir li jimpedixxi. Igħid li dak in-nhar il-Kummissarju tal-Pulizija kien informa lir-rikorrenti li hu kien qed jiġi temporanjament sospiż u dan skont ir-regolamenti dwar Dixxiplina tas-Serviżż Pubbliku, (aktar 'l quddiem imsejjħa ir-regolamenti). Din is-sospensjoni kienet temporanja sakemm tiġi approvata mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummisjoni Dwar is-Servizz Publiku, minn issa magħrufa bħala il-Kummissjoni.

Ikompli illi fis-26 ta'Diċembru 2011, il-Kummissraju kien informa l-Kummissjoni li kien issospenda lil Cilia sakemm il-Prim Ministru, fuq rekommandazzzjoni tal-Kummissjoni japprova tali sospensjoni.

Il-Kummissjoni tat ukoll lil Cilia l-opportunita' li jirribatti tali sospensjoni. Din l-ittra li ntbagħtet mingħand Cilia għaddiet ukoll għand il-Kummissarju għal kummenti tiegħu. Fuq dan il-Kummissjoni kienet tgħaddi l-kummenti tagħha lil Prim'Ministru.

Fit 31 ta' Marzu, 2011, Cilia reġa ġie mressaq il-Qorti taħt arrest, issa b'akkużi *inter alia* talli hedded lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Deputat Kummissarju. B'rabta ma dawn it-tieni akkużi l-Kummissarju kien reġa informa lil

[2] Folio 1149

Kummissjoni lis-Sur Cilia kien reża ġie mressaq b'atrrest u informahom ukoll li Cilia kien diġà sospiż fuq il-każ preċedenti.

Infetħu ukoll proċeduri oħrajn kontra Cilia, issa akkużat b vjolenza domestika. B'rabta ma dan il-Kummissarju reġa għadda biex jissosopndi temporanjament lil Cilia. Dan dejjem kif jitolbu r-regolamenti u dan  sakemm il-Prim'Mnistru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni japprova tali sospensjoni.  Iżid b'rabta ma dan il-kaz li kien deċiż mill-Qorti u dikjarat il-proċediment bħala eżawrit. B'rabta ma dan il-Kummissarju kien informa lil Kummissjoni li ma kienx bi ħsiebu jieħu passi dixxiplinari ulterjuri. Da parti tagħha il-Kummissjoni infurmaw il-Kummissarju li kienu qabblu mal konklusssjoni tiegħu.

Senjatament fl-4 ta' Mejju, 2012, il-Kummissarju kien ġie nfurmat mill-Kummissjoni u mill-Uffiċju tal-Prim Ministru illi nhar id-19 ta' April, 2012, il-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, kien approva li Cilia jiġi sospiż mill qadi ta' dmirijietu ukoll  li kellu jirċievu nofs il-paga sakemm iddum sospiż. Jagħmel referenza għal file bin-numru, Disc/opm/pahro/311955/1 esebit.

Fit-18 ta' Gunju, 2013, il-Kummissjoni  informat lil Kummissarju, ġibdet ukoll l-attenzjoni għal dan il-fatt lil Avukat Ġenerali, lid-Direttur tal-Qorti, illi s-sur Cilia kien jinstab sospiż b'effett minn April, 2012 u kien qed jirċievi nofs paga għal aktar  minn sena.

Fis-19 ta' Awwissu l-Kummissarju kien informa lil Kummissjoni li kien baqa' l-ħtiega lis-sospensjoni ta' Cilia tibqa' in effect in vista tal-gravita' ta' l-akkuzi miġjuba kontrih Il-Kummissjoni kienet qabblet ma dan.

L-ewwel kaz riferut kontra Cilia ġie deċiż u għadda n ġudikat fit-28 ta' Frar, 2022.

Fis-16 ta' Lulju, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għarraf lil Kummissarju li kien ġie deċiż li Cilia kellu jitlef nofs s-salarju miżmum waqt is-sospensjoni u li jiġi mkeċċi. Ir-rikorrenti kien ġie mgħarraf b'dan b'ittra ta' 24 ta' Lulju, 2018.

Da parti tiegħu s-s-Sur Cilia talab lil każ tiegħu jiġi rivedut mill-Kummissjoni, ukoll li tiġi revokata d-deċiżjoni li jitlef nofs is-salarju miżmuma u li bħala piena alternattiva għat-tkeċċija jiġi mitlub li jirreżenja.

L-Uffiċju tal-Prim' Ministru għarraf lil Kummmissarju b'ittra tat-28 ta' Marzu, 2019 li Cilia kellu jiġi mitlub li jirreżenja minflokk jitkeċċa. Cilia kien ġie mgħarraf b'dan fit-2 ta' April, 2019.

Minħabba din id-deċiżjoni Cilia kien kiteb biex jirċievi l-pensjoni b'effett mis-16 ta' Lulju, 2018.

Wara lil Korp ikkunsulta mall-Uffiċċju tal-Prim Ministru, dwar kemm kien dam sospiż Cilia, jekk dan il-perjodu kellux jgħodd għal fini tal-pensjoni, dan b'referenza għar-regolament 3 tar-Regolament 1990, dwar il-pensjonijiet tal-Pulizija, ġie deċiż lil-perjodu li fih s-Sur Cilia dam sospiż ma kellux jgħodd mas-serviżż lis-Sur Cilia kien għamel fil-Korp u dan għal fini ta' pensjoni. Ir-raguni kienet minħabba l-fatt lis-sospensjoni kienet marbuta ma' kondotta ħażina.

Cilia wara li ġie nfurmat b'dan kien tramite l-avukat tiegħu, ikkontesta din id-deċiżjoni u dan skontu għax hu ma kienx ġie sospiż fuq il-kaz li sussegwentement ġie misjub ħati u lis-sospensjoni tiegħu kienet biss tikkonċerna każ li kien ġie liberat minnu.

Jirriżulta li fil-fatt Cilia kien ġie misjub ħati tal-kaz imsemmi ta' theddid tal-Kummissarju, però liberat fuq dak ta' l-offiża gravi. L-eewel kaz imsemmi kien ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru, 2017.

Jiriżulta lil Kummissjoni kienet ġiet infurmata mill-Kummissarju b'din l-imsemmija seċiżjoni fil-11 ta' Diċembru, 2027. Il-Kummissjoni kienet ġiet infurmata ukoll li Cilia kien diġà sospiż fuq żewġ kawżi oħra, dan b'effett mit-23 ta' Diċemru, 2011 u mit-3 ta' Lulju, 2017.

Fil-5 ta' Marzu, 2018 Cilia ġie nfurmat mill-Kummissjoni li n vista tas-sentenza tal-Qorti ta' L-appell Krinminali, li sabet il-ħtija kif riferut, hija kienet qed tirrakomanda lil Prim Ministru bit-telf tas-salarju miżmum tul il-perjodu ta' sospensjoni u t-tkeċċija mis-Serviżż Pubbliku. Cilia ngħata għaxart' ijiem tax-xogħol biex jagħmel is-sottomisssjonijiet tiegħu.

Fuq talba ta' l-Avukat ta' Cilia, s-sottomisjonijiet ġew awtorizzati li jssiru b'mod orali. Ġiet iffissata seduta għal dan l-iskop pero intalab differiment mill-avukat ta' Cilia. Ingħatat seduta oħra għal 28 ta' Mejju, 2018.

Fil-15 ta' Mejju, 2018 l-Avukat ta' Cilia kiteb lil Kummissarju u nfurmah li Cilia kien qed jikkonsidra li jirreżenja formalment. Intalbet ukoll laqgħa urġenti qabel is-seduta tat-28 ta' Mejju, 2018.

Da parti tiegħu L-Assistent Kummissarju Kenneth Haber informa lil Cilia li skont il-provedimenti tal-Public Service Management Code senjatament l-artikoli 6.6.3 kemm il-darba uffiċjal fis-Serviżż Pubbliku ikollu proċeduri Kriminali pendenti quddiem il-qrati, jew proċeduri dixxiplinari pendenti oħra, il-Kummissjoni kellha żżomm il-karti relatati mal-Pensjoni u tinforma b'dan lil Uffiċju tal-Prim' Ministru ukoll lill Kummissjoni dwar it-talba ta' l-irtirar.

Ġara ukoll lis-smiegħ li kellu jsir għas-sottomissjonijiet orali ġew differiti tlett darbiet fuq talba tar-rappresentant legali ta' Cilia. Jirriżulta ukoll li fil-fatt meta reġgħet ġiet iffissata seduta għas-smiegħ ma attenda ħadt biex jissottometti kif kellu jsir. Il-Kummissjoni wara diversi differimenti għaddiet biex tagħti d-deċiżjoni tagħha

Dwar il-posizzjoni li ħadet il-Kummissjoni wara li ġiet mitluba direzzjoni mill-Assistent Kummissarju, b'ittra datata 17 ta' Lulju, 2019, wieġbet li s-Sur Cilia stante li kien ġie akkużat bil-kaz ta' ġrieħi kif imsemmi u kien ġie deċiż li hu jibqa' sospiż fuq iż-żewġ każi kriminali li segwew, dan stante il Kummissarju

kien estenda din is-sospensjoni għat-tnejn sussegwenti, allura hu ma kienx intitolat għal pensjoni tas-servizz.

**ii**. Da parti tagħha **Natasha Magro**[3] li tokkupa il-kariga ta' *Compliance Officer* fi ħdan il-Kummisssjoni dwar is-Servizz Pubblika ukoll presentat affidavit. F'dan l-ambitu spjegat u tat stampa ċara ta' dak li okkorra fir-rigward tad-dixxiplina meħuda fil-konfront ta' Jeffrey Cilia. Tikkonferma lil Kummissarju kien informa lill Kummissjoni dwar il-passi kriminali li kienu ttieħdu kontra r-rikorrenti fuq kaz li seħħ fit-22 ta' Diċembru, 2011. Il-Kummissarju kien irrakkomanda li Cilia jkun interdett u li Cilia jiġi sospiż b'effett immedjat ai termini tal-proċedura 12(3) tal-Proċedura tad-Dixxiplina Tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku 1999, (S.L.Konst.03). Tgħid li din il-proċedura kienet u inżammet fis-seħħ tul il-kazijiet kollha li segwew u li kienu jirrigwardaw lil Cilia. Tgħid ukoll li fit-12 ta' Jannar, 2012 il-Kummissjoni rrakkomandat li Cilia jkun interdett fil-funzjoni tal-kariga tiegħu.[4] Tikkonferma ukoll lil Kummissarju kien informa lil Kummissjoni li Cilia ġia kien interdett fuq l-ewwel kaz però li kien se jitressaq il-Qorti fuq akkużi ġodda.

Tikkonferma lil Prim Ministru kien approva li Cilia ikun interdett fil-funzjoni tal-kariga tiegħu.

F'Diċembru tat-2017 il-Kummissarju tal-Puliżija informa lil Kummissjoni bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta' Novembru 2017 li sabet ħtija fil-konfront ta' Cilia. Tgħid lil Kummissjoni kienet innutat kemm id-deċiżjoni msemmija ukoll il-fatt li Cilia kien interdett fil-funzjoni tal-kariga tiegħu b'effett mit-19 ta' April, 2012 in konnessjoni ma proċeduri kriminali oħra.

[3] Folio 1156 Dok NM
[4] Dok NM2 folio 1162

Iżid li in vista tal-gravita' tar-reat kriminali li għalih instab ħati Cilia, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li kellha tagħmel rakkomandazzjoni lill Prim'Ministru lil penali adatta fiċ-ċirkostanzi kellha tkun it-tkeċċija tiegħu mis-Serviżż Pubbliku u t-telfien tas-salarju li kien miżmum waqt il-perjodu ta' l-interdizzjoni.

Kien għalhekk li Cilia ġie mistieden jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu però minflokk l-avukat tiegħu talab li jitressqu sottomissjonijiet orali. Tgħid li ngħataw diversi differimenti għal dan l-iskop dejjem mitluba da parti ta' Cilia u l-avukat tiegħu.

Tkomppli li wara posponiment ieħor is-smiegħ ġie ffissat għall-5 ta' Lulju, 2018, għal dan Cilia u l-avukat tiegħu kienu avżati bil-quddiem illi waqt din is-seduta l-Kummissjoni kienet se tipproċedi bid-deċiżjoni tagħha. Tgħid li la Cilia u lanqas l-avukat tiegħu ma ppreżentaw ruħhom għal dan is-smiegħ u li minnflok kien mar Dr Ishmael Psaila li kien informa lil Kummissjoni li Dr.Gatt kien imsiefer. Intalab postponiment ta' xahrejn oħra. Nonostante lil Kummissjoni kkonċediet ukoll li Cilia jasal għas-smigħ nofs siegħa tard dan baqa ma okkorriex. Il-Kummissjoni għaddiet biex tagħti r-rakkomandazzjoni tagħha,Dok NM3.[5]

Tkompli li f-16 ta' Lulju, 2018, il-Prim Ministru approva r-rakomandazzjoni tal-Kummissjoni għat-tkeċċija ta' Cilia kif ukoll għat-telfien tas-salarju waqt il-perjodu ta' interdizzjoni. B'dan ġie mgħarraf Cilia fl-24 ta' Lulju, 2018.

Tgħid li Dr, Edward Gatt presenta talba lil Kummissjoni li ai terminu ta' l-regolament 33 Cilia jitħalla jirreżenja minflokk jitjeċċa. Ukoll li jiġi restitwit lilu s-alarju miżmum.

[5] Folio 1163

Għalkemm il-Kummissjoni qabblet mar-rizenja minflokk tkeċċija però sostniet lit-telfien tas-salarju jibqa' n vigore. Il-Prim Ministru approva tali rakkomandazzjoni fl-25 ta' Marzu, 2019. Ara Dok NM4.[6]

Kompliet lil Kummissjoni kienet ukoll għamlet il-kunsiderazjonijiet tagħha dwar il-pensjoni ta' Cilia. Dr. Gatt kien ikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar dan ; argumenta li kienet żbaljata n kwantu Cilia ma kienx sospiż/interdett b'relazzjoni ta' kull proċedura kriminali imma biss fil-konfront ta' dik li minnha kien ġie liberat. Konsegwentement Dr.Gatt kien talab lil Kummissjoni sabiex tirrevedi il-posizzjoni tagħha fir-rigward tal-pensjoni ta' Cilia. Il-Kummissjoni qieset li fiż-żmien li Cilia kien imressaq fis-sena 2012, kemm il-Kummissarju ukoll il-Kummissjoni kienu qiesu li Cilia kien sospiż fuq it-tieni kaz . Tgħid, lil-Kummissarju għalkemm ma kienx irrakkomanda li Cilia jiġi sospiż ukoll għat-tieni kaz, kien informa lil Kummissjoni li Cilia kien ġia sospiż għal ewwel kaz. Konsegwentement ex ufficio, skont din ix-xbhud, il-Kummissjoni kienet qieset li Cilia kien sospiż anke fuq it-tieni kaz. Iżid lil Kummissjoni qatt ma nfurmat lil Cilia li hu ma kienx sospiż fuq it-tieni kaz, u lis-sospensjoni tiegħu kienet ġia approvata mill-Prim Ministru. Il-Kummissjoni kienet fil-fatt infurmat lil Kummissarju li dwar it-tieni kaz kien meqjus bħala sospiż ukoll, dan dwar il-kaz li qala' din il-kontestazzjoni.

**iii.** . Da parti tiegħu **Jeffrey Cilia**[7] r-rikorrenti jressaq l-ilment tiegħu fuq żewġ pretensjonijiet. Jibda' biex igħid lil fatti kif esposti mix-xhieda *supra*, mhux kontestati mir-rikorrenti. Pero tibqa' in kontestazzjoni l-interpretazzjoni tat-tul tas-sospensjoni tiegħu ukoll kif il-Kummissjoni mexxiet il-proċeduri.

a. L-ewwel lanjanza tar-rikorrenti hija fuq is-sospensjoni tiegħu. Huwa jinsisti li hu kien fil-fatt kien biss sospiż fuq l-ewwel kaz (ġrieħi gravi) li minnu ġie liberat. Fil-fatt jixhed li ġie sospiż bi proċedura kif kellha ssir u ċioe' lil Kummissarju

---

[6] Folio 1164
[7] Fplio 1146A

jgħarraf lilu li qed jiġi sospiż sommarjament. Il-Kummissarju jinforma bil-miktub lil Kummissjoni u da parti tagħha il-Kummissjoni tinforma lil Prim Ministru. Finalment jgħid li jkun il-Prim Ministru li jiddeċiedi fuq is-sospensjoni. Skont Cilia din kienet il-proċedura korretta li ġiet segwieta biss fl-ewwel akkużi miġjuba kontrih u li minnhom ġie sussegwentement liberat. L-ewwel lanjanza għalhekk tippernja dwar il-fatt li hu qatt ma kien sospiż kif imiss fuq l-akkużi li tagħhom ġie misjub ħati bil-konsegwenza li ma kellux ibagħti l-penali ta' telf tas-salarju miżmum u tal-pensjoni. Fix-xhieda tiegħu jinsisti ħafna fuq il-kontribut ta' tul ta' snin li hu ta fil-korp u li minħabba f'hekk ma kellux issofri dan it-telf pekunjarju.

Jinsisti li fit-tieni kaz ma nħargulux akkużi u lanqas kien sospiż bħala uffiċjal pubbliku. Igħid *"Fl'ebda ħin ma ġejt sospiż fuq it-tieni kaz. Jiġifieri ma ttieħdet edba proċedura bħal ma ttieħdet fl-ewwel każ biex jien niġi sospiż: la rċevejt ittra mingħand il-Kummissarju li kien qed jissospendini fuq dak il-kaz, la l- Public Service Commission ma rċievit xejn mingħand il-Kummissarju fuq dak il-każ....l-Public Service Commission infurmatini dwar dak il-każ, u qalilhom "Cilia diġà sospiż'. ....*

*Il-Public Service Commission ma tat ebda rakkomandazzjoi lill-Prim Ministru ..jien għandi niġi sospiż fuq it-tieni kaz ukoll. U l-Prim Ministru ma ħa ebda azzjoni. M a hemm ebda dokument fejn il-Prim Ministru,....iffirma is-sospensjoni tiegħi. Igifieri għal finijiet tal-liġi jien ma ġejtx sospiż".*[8]

B'hekk jixhed li ġialadarba hu ma kienx sospiż fuq dan it-tieni kaz, ma kellux issofri dak il-kastigg ta' telf ta' nofs il-paga u aktar tal-pensjoni. Jinsisti li fuq inġurja lil Kummissarju, li tagħha instab ħati, ma kienx ħaqqu la t-tkeċċija u wisq anqas li jitlef il-pensjoni u s-somma.

[8] Folio 1146Atergo-1146B

Ta' dana kollu intalab u ġew esebiti l-proċeduri li ttieħdu quddiem il-Kummissjoni fir-rigward tar-rikorrenti.

b. it-tieni lanjanza tar-rikorrenti titratta l-andament tas-smiegħ quddiem il-Kummissjoni. Jikkonferma li forsi u skontu għal seba' seduta miżmuma quddiem il-Kummissjoni l-avukat tiegħu kien imsiefer u għalhekk da parti tagħhom kien jintalab differiment. Igħid li sa fejn tikkonċerna l-aħħar seduta, li hu ma telax il-Kummissjoni mhux b'disprezz lejha. Anzi jispjega li mar anke Dr, Ismael Psaila biex jitlob differiment u jispjega li huma, hu u l-avukat tiegħu kienu indisposti. Igħid li dak in-nhar arbitrarjament il-Kummissjoni qabdet u ddeċidiet it-tkeċċija tiegħu mill-korp tal-Pulizija mingħajr ma hu kien presenti għas-smiegħ. Qal li ġie nfurmat b'dan b'ittra mill-Kummissarju ukoll li hu tilef id-dritt għal pensjoni u għan-nofs is-salarju li kien baqa' miżmum.

**2. Eċċezzjoni ai teminu ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12.**

**i.**Stabbilit il-pern u l-lanjanza ta' din il-vertenza huwa opportun u inkombenti, minħabba n-natura tagħha, lil Qorti titratta l-ewwel eċċezzjoni avvanzata. Taqra:-

*"Illi in linea preliminari l-esponenti jeċċeppixxu n-nullita' tar-rikors ġuramentat stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ad validatem a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponenti."*

**ii.** jingħad li l-intimati biex issaħħhu id-difiża mressqa tramite din l-eċċezzjoni ta' natura proċedurali ċċittaw diversi sentenzi tal-Qrati nostrali fir-rigward. Il-Qorti tħoss li ukoll għandha tirrikorri għal tagħlim ġurisprudenżjali n soluzzjoni

ta' din il-vertenza aktar u aktar meta kif se naraw mhux dejjem il-Qrati kienu eżatt konformi fil-ħsieb.

**iii**. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Gauci pro. Et. noe vs Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali et**. intqal li:-

*" **L-ART. 460 GĦADU JISTABBILIXXI NORMA TA' ORDNI PUBBLIKU?***

*Illi m'hemmx dubbju li l-Art. 460 kien u għadu norma ta' ordni pubbliku; u li sfortunatament il-leġislatur iqisu produċenti n-nullita`, għalkemm wasal iż-żmien li din in-norma tiġi ttemperata biex tieħu qies ta' norma oħra, daqstant ieħor ta' ordni pubbliku, tal-ugwaljanza ta' kull litigant quddiem il-Qrati tagħna. L-Art. 460 jista' jkun bi ksur tal-jeddijiet fundamentali.* ***Platakou v Greece*** [9] *stabbiliet li "where there was a procedural rule that time caesed to run against the state during a judicial vacation, the Court found that the applicant had suffered inequality of arms since her application, rejected as out of time, would not have been deemed outside the time limit if the same rule had applied to her";* ***APPLIKABILITA` TAL-****ART 460 GĦALL-****ART. 469A***

*Illi skont l-Art. 460(2), "meta skont id-disposizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw* ***u l-imsemmija*** *proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom";*

*Illi din il-Qorti taqbel mal-attur li l-Art. 469A tistabbilixxi "proċedura partikolari" (introdotta fil-1996), intiża speċifikament għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Tistabbilixxi terminu perentorju ta' sitt xhur li fih*

[9] 11.01.2001 Qorti ta' Strasburgu, kif iċċitata minn Karen Reid, A Practitioner's Guide to the European Convention of Human Rights, 5th edition, 2015, paġna 182

*tista' ssir azzjoni bħal din. Ergo taqa' taħt id-definizzjoni tal-Art. 460(2) u għalhekk id-disposizzjonijiet tal-Art. 460(1) ma japplikawx;*

*Illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut semmew ġurisprudenza li tgħid bil-kontra.*

*Iż-żewġ partijiet jiċċitaw lil* ***P.T. Matic Environmental Services Ltd v id-Direttur tal-Kuntratti***[10]*. Il-Qorti, f'dik is-sentenza rraġunat li l-fatt li hemm stabbilit terminu perentorju ma jneħħix il-ħtieġa li ssir sejħa b'att ġudizzjarju. L-attur jargumenta kontra din id-deċiżjoni billi jsostni li fil-prattika, l-attur ma jkollux sitt xhur żmien imma sitt xhur nieqsa għaxart ijiem. Dan l-argument m'huwiex nieqes mir-raġuni. B'danakollu, għal din il-Qorti l-punt kruċjali hu li l-proċedura tal-Art. 469A tinkwadra ruħha fid-disposizzjoni msemmija tal-Art. 460(2) – u dan huwa biżżejjed biex l-attur jiġi eżentat mid-disposizzjonijet talArt. 460(1). Għalhekk wara li ħasbet fit-tul, rispettożament tħoss li jkollha tiddissenti mis-sentenza fuq imsemmija u mis-sentenzi l-oħrajn iċċitati mill-konvenut;*

***DECIDE***

*Għal dawn il-motivi, l-Qorti:*

(1) *tiddikjara li l-preċett tal-Art. 460(1) Kap 12 huwa t'ordni pubbliku u li allura jista' jitqanqal mill-Qorti marte proprio iżda*

(2) ***tiddikjara li l-proċedura preżenti taħt l-Art. 469A Kap 12 ma taqax taħt limsemmija disposizzjoni" (enfasi ta' din il-Qorti)***

Għalhekk wara lil Qorti għamlet analiżi approfondit dwar dan l-artikolu invokat, in partikolari jekk hux ta'ordni pubbliku, u hawn sabet fil-posittiv, però wasslet għal konklussjoni għar-ragunijiet hawn fuq ċitati li ma kienx applikabbli għal fejn jirrigwarda stħarriġ ġudizzjarju.

[10] 14.03.2018 Prim'Awla, per Onor. Imħ. J.R. Micallef

Però insibu li f'deċiżjoni aktar riċenti fl-ismijiet **Av.Helen Caruana noe vs L-Agenżija Identita' Malta et.**[11] għalkemm il-Qorti kienet qed tittrata mat-terminu dekadenzjali ta' sitt xhur stipulat fl-artikolu 496A(3) tal-Kap 12, ma għaddiet ebda kumment jew tgħajjret din l-eċċezzjoni fuq il-pretest li dan it-terminu ma kienx applikabbli n kwantu kienet ukoll kawża xprunata minn stħarriġ ġudizzjarju.

**iv**.Fid-deċiżjoni fl-ismijiiet **Mark Formosa vs Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministru għal Għawdex et.** [12] insibu li ngħad:-

*"L-artikolu 460 tal-Kap 12 jgħid hekk –*

*"460. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fi l-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx – (a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew (b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew (ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew (d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza; (e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ, u meta skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi*

[11] Deċiża 12 ta' Lulju, 2023, Qorti Appell Ċivili, Rikors 39/19/1MH
[12] Deċiża 15 ta' Novembru, 2019 Rikors Kost 8/2019

*mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom.*

*(3) Kawżi kontra l-Gvern li dwarhom ikun hemm fis-seħħ mandat ta' inibizzjoni għandhom jinstemgħu mill-Qorti b'urġenza u bi preferenza għal kawżi oħra."*

*Dan l-artikolu ġie ntrodott fil-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz tal-Att VII tal-1981 u ġie emendat darbtejn permezz tal-Att XXIV tal1995 u l-Att XXXI tal-2002. Huwa ormai rikonoxxut anke fil-ġurisprudenza nostrali li dan il-privileġġ proċedurali konċess mill-leġislatur a favur il-Gvern għandu applikazzjoni tassattiva u peress li huwa meqjus ta' ordni pubbliku jista' jiġi sollevat anke mill-Qorti ex officio.*

*Fil-każ* **Mario Dingli vs Kummissarju tal-Artijiet et** *deċiż fit-30 ta' Mejju 2017 ingħad hekk dwar dan l-artikolu–*

*".....dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex officio. (ara ddeċizjoni ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tas-7 ta` Mejju 1999 filkawża Dominic Savio Spiteri vs Onor Prim Ministru et li kienet ikkonfermata mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Frar 2004).*

*(....)*

*Minn qari ta` dan l-artikolu, jidher li kwalunkwe kawża li ssir kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` uffiċjali tagħha, għandha issir wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra dik il-persuna ta` ittra uffiċjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b`mod car.*

*(.....)*

*Il-ġurisprudenza nostrana għamlet ċar illi jekk ma tkunx giet segwita l-proċedura stabbilita bl-Art 460 tal-Kap 12, l-azzjoni tkun irregolari u nulla.*

*Kawża ta` interess dwar dan il-punt, ċitata mill-perit legali, kienet dik fl-ismijiet* ***Samantha Grima vs Kevin Micallef et*** *li kienet deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta` Jannar 2012. Fil-kors ta` dik il-kawża wieħed mill-konvenuti kien eċċepixxa n-nullita` tal-azzjoni billi ma kienx osservat l-Art 460 tal-Kap 12.*

*Il-Qorti qalet hekk :-*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***V. G. Tiles Co. Limited vs Malta Industrial Parks Limited****, (Cit. Nru. 355/07FS) deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta fit-13 ta` Mejju, 2007 ingħad:*

*D3. Ġurisprudenza fuq l-artikolu 460 tal-Kap 12:*

*Kull att ġudizzjarju li jigi preżentat fir-Reġistru tal-Qorti kontra ddisposiżżjonijiet ta` l-artikolu 460 tal-Kap 12 huwa irritu u null. - Ara PA Gauci vs Reġistratur tal-Qorti et 1/2/90, Dr. L. Vella et vs Ronald Grech et 22/6/92, Roger Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana 15/1/93, Michael Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar et noe 2/10/96, Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar 29/5/97. Fis-sentenza tal-kawża fl-ismijiet Smash Communications Limited vs Malta Communications Authority Prim`Awla tat-22 ta` Novembru 2007 ġie ritenut illi "l-kelma `persuna` kif użata fl-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 tinkludi wkoll persuna ġuridika".*

*Meta persuna tkun trid tistitwixxi kawża kontra l-Awtorita` ta` l-Ippjanar, qabel ma ssir iċ-ċitazzjoni l-attur irid jinforma lill-Awtorita`, permezz ta` ittra ufficjali*

*jew protest gudizzjarju, li ghandha intenzjoni taghmel kawza. Jekk din l-ittra ma tintbagħat, a tenur tal-art 460 tal-KOPC, il-kawża tkun nulla [Sunny Coast (Caterers) Limited vs Awtorita` ta` l-Ippjanar deċiża PA – Imħ R Pace fit 13 ta` Lulju, 2000.*

*Fis-sentenza tal-Prim`Awla tas-26 ta` Ġunju 2003, fl-ismijiet* ***Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et*** *il- Qorti qalet:*

*"Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti lill-Gvern f`kawżi li fihom ikun imharrek u ġie mfisser bħala regola ta` ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta` att ġudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern... Illi l-imsemmi privileġġ, jekk ma jitħarisx, iwassal ghan-nullita` ta` l-azzjoni li tkun ittiħħdet bi ksur tieghu."*

*L-imsemmi artikolu jimponi doveri fuq ir-Registratur. Infatti fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta` April 2003 fl-ismijiet* ***Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana ntqal:***

*"Huwa desumibbli mill-artikolu appena ċitat illi l-liġi tirrikjedi tassattivament il-preżentata ta` ittra ufficjali jew ta` protest. Mhux hekk biss pero` ghax l-istess dispost jissokta jgħid illi r-Registratur għandu jirrifjuta li jirċievi l-att ġudizzjarju jew dokument ieħor li jigi ppreżentat fir- Registru kontra d-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu. Fuq dan l-aħħar punt tajjeb li jingħad illi kif akkolt fil-ġurisprudenza anke f'każ illi r-Registratur ikun ippermetta lpreżentata taċ-ċitazzjoni l-istess ma tistax tissana n-nullita` imposta mil-liġi."*

*Ara wkoll sentenza Prim`Awla tal-25 ta` Jannar 1991 fl-ismijiet* ***Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et.***

*Ukoll fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tas-27 ta` Frar 2004 talkawża fuq imsemmija fl-ismijiet* ***Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita`***

***ta` l-Ippjanar** [deċiża mill-Prim`Awla fid-29/5/97] ġie ritenut li nnuqqas ta` osservanza tal-provvedimenti ta` l-Art. 460 tal-Kap. 12 mhux talli jġib miegħu l-piena tan-nullita` ta` l-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri, iżda jġib miegħu ukoll in-nullita ta` kull att relattiv u sussegwenti.*

*Infatti intqal :*

*"Minn eżami ta` l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 joħrog biċ-ċar li l-leġislatur ried jimponi tassattivament l-obbligu li ebda att ġudizzjarju, fosthom wieħed bħaċ-ċitazzjoni ta` l-attur, ma jista` jigi ppreżentat ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif hemm imsemmi fil-liġi stess, ta` ittra uffiċċjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b`mod car... Minn eżami tal-provi mbagħad jirriżulta li fil mument li l-attur ippreżenta ċ-ċitazzjoni in eżami - bi ksur allura ta` l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 - ħaġa bħal din ma setax jagħmilha, bil-konsegwenza li dak kollu li avvera ruħu in segwitu kien irritu u null, u bħala tali ma seta` jipproduċi ebda effett."*

*Fl-istess sens kienet id-deċizjoni ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tal-25 ta` Frar 2016 fil-kawza Oliver Ruġġier vs Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.*

*Ingħad :-*

*Illi dwar il-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad li l-artikolu 460(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jrid li l-ebda att gudizzjarju li bih jinbeda procediment ma jista` jitressaq u ebda proċediment ma jista` jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` uffiċjali taghħa qabel ma jgħaddu ghaxart ijiem min-notifika b`ittra ufficjali jew protest li jfissru b`mod car il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita` jew persuna bħal dak;*

*Illi hemm qbil li l-attur ma bagħat ebda interpellazzjoni gudizzjarja lill Awtorita` mħarrka qabel ma fetaħ din il-kawza....*

*Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta` talba ġudizzjarja qabel tista` tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern, korpi u persuni msemmija f`kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika ghal kull għamla ta` att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni. Bħala tali, din ir-regola tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha konta l-amministrazzjoni pubblika. Hija regola iebsa li teżiġi li tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-awtorita` pubblika fejn din tista` tibqa` miexja `l quddiem. Jibqa` dejjem li dan il-privileġġ procedurali huwa wieħed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw ghalih jew ma jinsistux izjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex ufficio. Jingħad ukoll illi min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b`reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu, u li tali azzjoni titressaq kontra dik l-Awtorita` li tkun ġiet interpellata;*

*Illi minn qari xieraq ta` kliem il-liġi, jissemma x`għandu jitlob att gudizzjarju li għalih jgħodd l-artikolu 460(1). Il-liġi tgħid li f`dak l-att "il-pretensjoni jew ittalba tiġi mfissra b`mod ċar". B`dan, il-Qorti tifhem li mhux kull att ġudizzjarju jkun jgħodd bhala `twissija` lill-awtorita` pubblika għall-finijiet tal-imsemmi artikolu, iżda trid issir talba jew interpellazzjoni li tfisser sewwa x`inhu l-ilment li l-mittenti jistenna li l-awtorita` intimata tindirizza.*

*L-istess insenjament kien riaffermat fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-24 ta` Novembru 2010 fil-kawża **Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy et vs Chairman Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ**.*

*(.....)*

*Hemm ingħad illi n-nullita` li ġġib in-nuqqas ta` ħarsien tal-procedura li għandha ssir qabel ma jinġieb `il quddiem l-att hija waħda assoluta, u mhijiex sanabbli kontra l-imħarrkin kollha.*

*Il-Qorti qalet hekk:-*

*Illi b`konsiderazzjoni tal-aspetti legali tal-eċċezzjoni taħt eżami jibda biex jingħad li l-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Proċedura ċivili jrid li l-ebda att ġudizzjarju li bih jinbeda proċediment ma jista` jitressaq u ebda proċediment ma jista` jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` uffiċjali tagħha qabel ma jgħaddu għaxart ijiem min-notifika b`ittra uffiċjali jew protest li jfissru b`mod ċar il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita` jew persuna bħal dak;*

*(....)*

*Illi hu xieraq jingħad li dan l-artikolu huwa waħda mid-dispożizzjonijiet li l-liġi tikkontempla fir-rigward ta` proċeduri ġudizzjarji li fihom ikun imdaħħal il-Gvern, korp statutorju jew korporazzjoni mwaqqfa bil-Kostituzzjoni. F`din l-għamla ta` proċeduri, l-liġi tagħti lill-Gvern ċerti privileġġi. Minħabba f`hekk, u billi dawn id-dispożizzjonijiet huma ta` natura partikolari, għandhom jitqiesu bħala eċċezzjoni għar-regoli ġenerali proċedurali u fl-istess waqt jitħaddmu fi ħdan il-qafas sħiħ ta` dak li jipprovdi l-Kodiċi tal-Proċedura;*

*Illi mill-kliem iebes tal-imsemmi artikolu 460 joħroġ ċar li mhux talli att ġudizzjarju (li mhux ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju) ma jiswiex u ma jistax jitmexxa `l quddiem kontra l-Gvern, awtorita` jew persuna pubblika, kif ingħad, iżda li lanqas biss imissu jitħalla jitressaq mir-Reġistratur tal-Qrati. Il-liġi tuża*

*l-kliem "ipprezentat", "jittieħdu jew jinbdew" u "mitlub", li lkoll juru bid-dieher li l-ħsieb tal-leġislatur kien li l-atti mressqa bi ksur ta` dawk iddispożizzjonijiet jintlaqtu mortalment mill-bidunett;*

*Illi f`għadd ta` sentenzi li ngħataw minn dawn il-Qrati fit-tifsir li huma taw lil dan l-artikolu, ingħad dejjem li l-azzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-morsa tal-imsemmi artikolu 460 huma dawk li jissemmew b`mod tassattiv fis-subartikolu (2) ta` dak l-artikolu. Kull azzjoni oħra li taqa` `l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid ta` bilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u l-mogħdija ta` żmien ta` għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita` jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk;*

*(....)*

*Illi l-Qorti tqis ukoll li, skond ma ngħad f`sentenzi ta` dawn il-Qrati, dan ilprivileġġ proċedurali huwa wieħed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex officio;*

*Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f`kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta` att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni. L-għan għal dak l-artikolu huwa li jipprovdi l-opportunita` li jiddefendu lilhom infushom;"*

**v**. Il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-appell ta' l-istess deċiżjoni appena ċitata[13] kellha dan xi tgħid.

***"I. Dritt għall-aċċess għal-Qorti***

14. *Id-dritt għall-aċċess għal qorti ġie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet* ***Golder v. The United Kingdom*** *(QEDB, 21/02/1975), fejn ġie deċiż illi dan id-dritt huwa aspett inerenti tad-dritt għal smigh xieraq sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan b'mod partikolari b'referenza għall-prinċipji tas-saltna tad-dritt u l-prevenzjoni tal-ezercizzju ta' poter arbitrarju li huma principji fondamentali li fuqhom hija mibnija il-Konvenzjoni.*

15. *lli ċiò nonostante, id-dritt ghall-aċċess għall-qorti m'huwiex mingħajr eċċezzjoni jew limitu, u huwa suġġett għar-regolazzjoni mill-Istat li jġawdi minn ċertu marginu ta' diskrezzjoni f'dan il-kuntest.*[14] *Fil-ġurisprudenża tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ġie rikonoxxut illi dispozizzjonijiet legislattivi li jistabilixxu u jirregolaw termini legali u proċeduri formali li individwu jeħtieġ josserva meta jintavola azzjoni għal stħarrig ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv "…are aimed at ensuring a proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty".*[15] *Illi, pero``, kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet* ***Zubac v. Croatia*** *(QEDB, 05/04/2018):*

---

[13] Deċiża 20 ta' Lulju, 2020.

[14] Ara per ezempju Lupeni Greek Catholic Parish Church and others v. Romania (QEDB, 29/11/2016); Louli-Georgopoulou v. Greece (QED, 13/03/2017); Naït-Liman v. Switzerland (QEDB, 15/03/2018).

[15] Cañete de Goñi v. Spain (QEDB, 15/10/2002).

*"...the right of access to a court is impaired when the rules cease to serve the aims of legal certainty and the proper administration of justice and form a sort of barrier preventing the litigant from having his or her case determined on the merits by the competent court (see, for instance, Kart v. Turkey [GC], no. 8917/05, § 79 in fine, ECHR 2009*

*(extracts); see also Efstathiou and Others v. Greece, no. 36998/02, §*

*24 in fine, 27 July 2006, and Eşim v. Turkey, no. 59601/09, § 21, 17 September 2013)".*

16. *Inoltre, intqal fis-sentenza* ***Stubbings v. The United Kingdom***

*(22/10/2006) illi*

*"...a limitation will not be compatible with Article 6 para. 1 (art. 6-1) if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (see the Ashingdane v. the United Kingdom judgment of 28 May 1985, Series A no. 93, p. 24, para. 57 and, more recently, the Bellet v. France judgment of 4 December 1995, Series A no. 333-B, p. 41, para. 31)".*[16]

17. *Illi barra minn hekk, għalkemm limitazzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal qorti huma b'mod generali permessi, dawn il-limitazzjoni m'għandhomx*

[16] Ara wkoll f'dan is-sens: Ashingdane v. The United Kingdom (QEDB, 28/05/1985); Fayed v. The United Kingdom (QEDB, 21/09/1994); Markovic and Others v. Italy (QEDB, 14/12/2006); Momčilović v. Croatia (QEDB, 26/03/2015); Naït-Liman v. Switzerland (QEDB, 15/03/2018).

*ikunu tali illi ifixxklu l-essenza innfisha tad-dritt. Dan kif gie kkonfemat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Berger v. France*** *(QEDB, 03/12/2002) fejn intqal illi:*

> *"...these limitations must not restrict or reduce a person's access in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired; lastly, such limitations will not be compatible with Article 6 § 1 if they do not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (see, among other authorities, Tolstoy Miloslavsky v. the United Kingdom, judgment of 13 July 1995, Series A no. 316-B, pp. 78-79, § 59, and Bellet v. France, judgment of 4 December 1995, Series A no. 333-B, p. 41, § 31)".*[17]

18. *Il-Qorti tagħraf illi huwa minnu illi, b'mod generali, dispozizzjonijiet bħal dik in eżami jservu skop legittimu u pubbliku, u tqis illi, b'mod speċifiku għal kaz in kwistjoni, l-għan li l-gvern jingħata żmien sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni ilmentata mill-individwu huwa wieħed legittimu peress illi jagħmilha possibli li individwu jingħata rimedju għall-ilment tiegħu mingħajr il-ħtiega illi jintavola ażżjoni ġudizzjarja li jservi kemm l-interessi tal-individwu u kif ukoll l-interess tal-pubbliku in generali minħabba t-tnaqqis tal-volum ta' kawżi pendenti quddiem il-qrati.*

19. *Illi, pero`, m'huwiex biżżejjed illi din id-dispozizzjoni ikollha għan legittimu. Jeħtieg ukoll illi jkun hemm proporzjonalita` bejn ir-regoli stabbiliti f'din id-dispozizzjoni u l-għan legittimu illi din id-dispozizzjoni trid tilħaq. Sabiex jiġi determinat jekk ir-restrizzjoni għad-dritt t'aċċess għall-qorti*

[17] Ara wkoll: Maširević v. Serbia (QEDB, 11/02/2014). Ara wkoll: Momčilović v. Croatia (QEDB, 26/03/2015).

*hijiex konsonanti mad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tal-individwu, l-eżami li jrid isir mill-Qorti irid ikun wieħed li jieħu in konsiderazzjoni l-isfond legali u fattwali li fih id-dispozizzjoni impunjata tkun topera. Għalhekk, anke l-mod kif il-qrati jkunu interpretaw id-dispozizzjoni impunjata huwa relevanti fil-kuntest ta' dan l-eżami, sabiex jiġi iddeterminat jekk kienx hemm element ta' prevedibilita' u ċertezża legali fl-interpretazzjoni ta' dawn ir-regoli, u jekk il-qrati ikunux adoperaw formaliżmu ezagerat illi finalment wasal sabiex ikun hemm tkasbir tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu għaliex l-artikolu impunjat ikun ittieħed lil hinn mill-għan legittimu illi r-restrizzjonijiet fih imposti jkunu ntiżi li jservu.[18] Il-Qorti tosserva illi ġie deċiż illi f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar għemil amministrattiv il-formaliżmu eċċessiv huwa inaccettabli.[19]*

20. *Il-Qorti rat illi l-ewwel Qorti għamlet l-analiżi meħtiega tal-isfond legali u fattwali li fih jopera l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'analizi sostanzjali tal-ġurisprudenza relattiva għall-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu. Il-Qorti tosserva illi dan l-artikolu jinvolvi mhux biss regola t'applikazzjoni ċara u oġġettiva, u ċioe` l-impozizzjoni ta' terminu legali u rekwiżit ta' prezentata ta' atti gudizzjarji speċifiċi, iżda wkoll element aktar soġġettiv li jinneċċesita ċertu ammont ta' interpretazzjoni ġudizzjarja, u ċioe` ir-rekwizit illi l-individwu ifisser il-pretensjoni jew talba tiegħu "b'mod ċar". Għalhekk analiżi tal-ġurisprudenza tal-qrati*

[18] Ara per ezempju: Pérez de Rada Cavanilles v. Spain, (QEDB, 28/10/1998); Miragall Escolano and Others v. Spain (QEDB, 25/01/2000); Sotiris and Nikos Koutras ATTEE v. Greece (QEDB, 16/11/2000): "*Litigants should expect the existing rules to be applied. However, the rules in question, or the application thereof, should not prevent persons amenable to the law from availing themselves of an available remedy*."; Běleš and Others v. the Czech Republic (QEDB, 12/11/2002): "*…in deciding, on the basis of a particularly strict construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants' right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention*"; Nowinski v. Poland (QEDB, 20/10/2009); Poirot v. France (QEDB, 15/12/2011); Miessen v. Belgium (QEDB, 18/10/2016) ; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Greece (QEDB, 29/11/2016) Zubac v. Croatia, *op. cit.*; Fraile Iturralde v. Spain (QEDB, 07/05/2019).

[19] Sotiris and Nikos Koutras ATTEE v. Greece (QEDB, 16/11/2000).

*hija kruċjali għaliex titfa dawl fuq il-mod kif dan l-artikolu verament jopera fis-sistema legali nostrana.*

21. ***Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-fatt waħdu illi persuna li trid tiftaħ kawża kontra l-Gvern trid l-ewwel nett tipprezenta ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju u tagħti għaxart ijiem żmien lil Gvern mill-prezentata tal-ittra qabel ma tintavola proċeduri ġudizzjarji m'huwiex leżiv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ir-regola hija ċara u aċċessibbli, u ma tressqet l-ebda prova li twassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-prezentata ta' ittra ufficjali/protest gudizzjarju u t-terminu ta' ghaxart ijiem imposti mill-ligi huma sporporzjonalment oneruzi fil-konfront taċ-ċittadin, jew joħoloqu riskju ta' xi pregudizzju sporporzjonat jew irrimedjabbli fil-konfront tieghu. Illi fil-fatt, l-Artikolu 460 stess jezenta numru ta' proceduri kontra l-Gvern minn dan ir-rekwizit, inkluz proceduri relattivi ghal ilmenti dwar lezjoni ta' drittijiet fundamentali u wkoll f'kazijiet ta' urgenza. Fil-fehma tal-Qorti dan juri illi meta l-legislatur fassal din ir-regola ittenta illi johloq bilanc bejn l-interess privat tac-cittadin illi jkollu ilment kontra xi imgieba ta' entita governattiva, u l-interess u l-ordni pubbliku.***

22. *Illi madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti il-legislatur naqas milli jikseb il-bilanċ rikjest fejn si tratta tal-konsegwenzi għan-nuqqas ta' aderenza mar-rekwiżiti imposti f'dan l-artikolu. Għalkemm huwa minnu illi l-formalitajiet imposti f'dan l-artikolu m'humiex partikolarment oneruzi, u lanqas ma huma l-uniċi każijiet fejn il-liġi timponi dawn it-tip ta' formalitajiet qabel l-intavolar ta' kawża, il-konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-individwu illi josservahom, u ċioe` l-nullita` tal-att, hija devastanti*

*għaliex, speċjalment f'każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A, tista' twassal għat-telfien permanenti tad-dritt għal stħarriġ fil-mertu tal-ilment taċ-ċittadin. Il-Qorti taċċetta illi l-għan li għalih huwa mahsub dan l-artikolu huwa wieħed neċessarju u fl-interess pubbliku, pero` ssibha diffiċli tifhem kif sanzjoni tant severa u odjuza hija wkoll neċessarja u fl-interess pubbliku, u fil-fatt l-ebda ġustfikazzjoni għaliha ma tressqet mill-appellanti.*

23. *Mill-analiżi illi għamlet l-ewwel Qorti tal-ġurisprudenza relattiva għal dan l-artikolu, jirriżulta, kif korrettement sabet l-ewwel Qorti, kemm illi hemm nuqqas ta' ċertezza leġali minħabba illi l-eżistenza ta' ġurisprudenza konfliggenti fir-rigward ta' dan l-artikolu, u kif ukoll element ta' formaliżmu eċċessiv*[20] *tant illi skont il-ġurisprudenża tal-qrati lanqas biss huwa permess ghal Gvern illi jirrinunzja għan-nullita` imposta f'dan l-artikolu, u agħar minn hekk hemm ġurisprudenża illi tissugerixxi illi n-nullita` imposta f'dan l-artikolu hija ta' portata tali illi fejn individwu ma jkunx aderixxa ruħu strettament mar-rekwiżiti ta' dan l-artikolu, ir-rikors ġuramentat tiegħu lanqas biss ghandu jigi accettat mir-registratur, b'mod illi lanqas biss jasal quddiem il-qorti. Inoltre, kif jidher mill-ġurisprudenża ċitata mill-ewwel Qorti, hemm saħanistra sentenzi li jsostnu illi n-nullita` tolqot anke l-azzjoni fil-konfront ta' ċittadini ordinarji li jkunu ġew intimati fil-kawża flimkien mal-Gvern, nonostante l-fatt illi m'hemm l-ebda ħtiega fil-liġi illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 460 jiġu osservati anke fir-rigward taċ-ċittadin ordinarju meta xi ħadd mill-intimati ikun entita governattiva.*

[20] Ara wkoll f'dan is-sens Paul Gauci pro et noe Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali noe (PA, 09/07/2019): "Sfortunatament il-Qrati tagħna mhux dejjem segwew din il-linja. Għallkuntrarju, kultant ħadu pożizzjoni estrema, u mhux talli ppronunzjaw innullita`, imma wkoll addirittura l-ineżistenza tal-atti ppreżentati mingħajr ilpreavviż preventiv, u dan mhux biss filkonfront tal-amministrazzjoni pubblika, imma wkoll fil-konfront ta' konvenuti privati li jkunu ġew

24. *Illi għalkemm l-għan illi l-Gvern jiġi notifikat bl-allegati nuqqasijiet tiegħu sabiex jingħata l-opportunita li jirrmedjahom huwa wieħed legittimu u permissibli, is-sanzjoni ta' nullita`` imposta f'dan l-artikolu anke għall iċken nuqqas fl-osservanza tar-regoli imposti, partikolament meta moqrija fid-dawl tal-gurisprudenza tal-qrati li mhux biss hija inkonsistenti iżda agħar minn hekk li frekwentement ixxaqleb lejn formaliżmu eċċessiv, twassal lil din il-Qorti għal konkluzjoni illi din is-sanzjoni tmur oltre mill-għan illi dan l-artikolu huwa intiż li jservi u tieħu aktar is-sura ta' ostakolu għall-otteniment ta' rimedju da parti taċ-ċittadin għall-pretensjoni tiegħu imħarrkin flimkien magħha. Pożizzjoni li Mħallfin oħra m'aċċettawx. Dan apparti li n-nullita` hija odjuża għaliex twassal għall-multiplikazzjoni tal-kawżi – dak li l-leġisatur ried jevita bil-mezz tal-avviż preventiv – u wkoll f'ċerti każijiet – bħal fil-każ preżenti fejn l-azzjoni trid issir qabel ma jgħaddi terminu dekadenzjali – għal telf permanenti ta'dritt sostantiv;" fil-konfront tal-Istat. Il-konsegwenza ta' nullita`` prevista mill-liġi, meħuda flimkien mal-formaliżmu esagerat li bosta drabi jiġi adoperat mill-qrati, iwassal għar-riskju mhux biss ta' multipliċita' tal-kawżi, li suppost qed jiġu evitati permezz ta' dan l-artikolu, iżda wkoll it-telfien permanenti ta' jedd sostantiv da parti taċ-ċittadin li kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċitata aktar il-fuq huwa impermissibli għaliex limitazzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għall-qorti ma jistgħux ifixxklu l-essenza innifsha ta' dan id-dritt. Dan multo magis f'kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn l-Artikolu 460 jista' jkollu konsegwenzi devastanti fuq iċ-ċittadin billi, in vista tat-terminu ta' dekadenza qasir ta' sitt xhur, iwassal ghal konsegwenza li l-kwistjoni filmertu ma tigi mistħarrga qatt."*

**vi**. Għalkemm dak appena ċitat kienu deċiżjonijiet li ttieħdu fi sfond ta' referenza kostituzzjonali, però din il-Qorti minn hemm tislet kemm fil-fatt hija tajba l-eċċezzjoni mressqa. L-għola Qorti tal-pajjiżna irrikonoxxit dan għax sabet l-għan leġittimu u proporzjonat għala din l-liġi ta' ordni pubblika għandha tiġi applikata kif senjalat b'tipa grassa minn din il-Qorti. Dan dejjem għad-differenza ta' dak li kkunsidrat mill-għola Qorti dwar is-sura ta' l-att li għandu jservi għal din l-interpellazzjoni li żgur mhux ta rigward għal vertenza in kwantu ma saret ebda.

**3**. Huwa vera li dan l-artikolu, ġia fin-neċessita' tiegħu li timponi l-interpellazzjoni lil Gvern tal-vertenza pretiża jinħass anakronistiku. Vera ukoll li saru anke tentattivi li dan jiġi mibdul. Però in kwantu hu ta' ordni pubbliku, u dan mhux kontestat, ma jistax jiġi rinnunżjat, għalkemm kif ġia ngħad jrid ikun interpretat b'mod ristrettiv. Pero jinħtieġ jinftiehem ukoll illi dan il-vantagg li tant jidher ixxaqleb lejn il-Gvern, joffri fin-nnifsu vantaġġ ikbar liċ-ċittadin li fil-maġġor parti mhux mogħni bis-setgħa finanzjara tal-Gvern, u jaf li bit-transazzjoni u ftehim, jiffranka spejjeż ġudizzjarji konsiderevoli lil parti allegatament milquta b'xi deċiżjoni.

**4**. Din il-Qorti tara li ġie preżentat Protest Ġiudizzjarju datat 28 ta' Novembru, 2013 li ma jirrelata xejn ma l-istħarrig ġiudizzjarju n eżami. Ġiet preżentata ukoll ittra uffiċċjali datata 15.01.2014, ukoll estraneja għal vertenza, u dan il-Qorti kkonstatatu minn verifiki li għamlet hi.

Fl-aħħar nota tiegħu, preżentata qabel l-aħħar differiment, ir-rikorrenti jinsisti lil protest minnu preżentat tas-sena 2013 kien validu u floku għal l-iskop ta' din il-kawża.[21] Il-Qorti ma tikkonvidi xejn dan il-ħsieb u tagħti raġun komplet lil

[21] Ara Nota tat-22 ta' Novembru 2023.

Avukat ta' l-Istat f'dak minnu espost fl-aħħar nota responsiva tiegħu. Il-Protest Ġiudizzjarju msemmi,[22] kien jindirizza l-vertenza tas-sospensjoni tar-rikorrenti u n-nuqqas ta' smiegħ fir-rigward quddiem l-PSC, ukoll lir-rikorrenti kellu jingħata l-opportunita' li jitħalla jipparteċipa fl-eżerċizzju ta' promozzjoni. Dak li okkorra wara, u li hu l-mertu ta' dan l-istħarrig ġiudizzjarju jmur oltre u fil-fatt dak li hu indirizzat fir-rikors promotur jiżboq għal kollox dak trattat f'dak il-protest, kif sew indikat mill-Avukat ta' l-Istat fl-aħħar nota tiegħu.

Kull ma kellu jagħmel ir-rikorrenti kien li fi protest ulterjuri, jindirizza dak li okkorra mis-snin 2013 sas-sena 2019, li ċertament ma setax jagħmlu b'xi illuminazzjoni futuristika u jolqot l-operat tal-Kummissjoni u tal-Kummissarju bil-protest tas-sena 2013, dan meta issa jindirizza deċiżjonijiet li jaffettwaw is-salarju, (nofs dak miżmum), il-pensjoni u in partikolari l-aħħar seduta quddiem il-P.S.C, ukoll l-applikazzjoni ta' l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta, kif del resto indirizzat fir-rikors promotur.

**Konsegwentement fuq skorta ta' dak hawn premess din il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni bil-konsegwenza li tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż għalih.**

**Onor. Imħallef Miriam Hayman**

**Rita Falzon.**

**Dep.Reg.**

[22] Kopja tiegħu qed tiġi annessa for ease of reference

**Ma' din is-sentenza qed jiġi anness kopja ta' protest ġudizzjarju datat 28 ta' Novembru, 2013.**

**<u>1145-2019-protest.pdf</u>**

**Onor. Imħallef Miriam Hayman**

**Rita Falzon.**

**Dep.Reg.**